MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1149/2002

**Mary Grace Saliba bhala prokuratirci tal-imsiefra Cristina Muscat.**

**Vs**

**Cristino Muscat u Iklin Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fis-16 t' Ottubru, 2002 li bih l-attrici ppremetiet:

Illi b' kuntratt tad-dsatax (19) ta' Marzu, 2002, fl-atti tan-nutar Dottor Mark Anthony Sammut il-konvenut Cristino Muscat biegh u trasferixxa lis-socjeta' konvenuta Iklin Limited il-fond *Maple Leaf*, fi Triq ix-Xghir, Haz-Zebbug,

mibni fuq plot numru sebgha u ghoxrin (27) mit-territorju ta' Srina fl-istess kontrada, tmiss mill-Ivant ma' Triq ix-Xghir, mit-tramuntana ma' Triq in-Nisga, u mir-rjieh l-ohra kollha ma beni ta' Weston Developments Company Limited jew l-aventi kawza, liberu u frank minn kull cens, piz, ipoteka, gravami jew vinkolu iehor, bid-drittijiet gus, pertinenzi u attinenzi kollha, kif deskritta fl-istess kuntratt ta' bejgh.

Illi l-istess fond *Maple Leaf*, fi Triq ix-Xghir, Haz-Zebbug, huwa d-dar konjugali u tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti vigenti bejn l-attrici Cristina Muscat u l-konvenut Cristino Muscat, liema komunjoni ghadha qed tigi likwidata fil-kawzi reciproci tas-separazzjoni inizjati mill-partijiet u cioe' fil-kawzi fl-ismijiet "Cristino Muscat –vs- Cristina Muscat et noe" (Citaz Nru: 1336/93 FD) u "Cristina Muscat pro et noe –vs- Cristino Muscat" (Citaz Nru: 881/94 FD), liema kawzi jinsabu t-tnejn pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell mid-decizjonijiet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-12 ta' Lulju, 2002.

Illi t-trasferiment ta' l-immobbli msemmi sar abbuzivament minghajr id-debitu kunsens u awtorizzazzjoni ta' l-attrici Cristina Muscat, u b' qerq u bi hsara tal-jeddijiet ta' l-istess attrici bl-intenzjoni li din tigi defrawdata mid-drittijiet taghha.

Illi l-istess trasferiment tal-fond *Maple Leaf*, fi Triq ix-Xghir, Haz-Zebbug, huwa ghalhekk null, u f' kull kaz l-attrici nomine ghandha jeww titlob u tottjeni l-annullament ta' l-istess kuntratt ta' trasferiment.

Ghalhekk l-attrici nomine titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt imsemmi tad-(19) ta' Marzu, 2002, ppubblikat min-nutar Dottor Mark Anthony Sammut li bih il-konvenut Cristino Muscat ittrasferixxa lis-socjeta' konvenuta Iklin Limited, id-dar *Maple Leaf*, fi Triq ix-Xghir, Haz-Zebbug sar minghajr il-

kunsens u l-awtorizzazzjoni ta’ l-attrici Cristina Muscat u konsegwentement huwa null u bla effett legali;

2. Tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi l-istess kuntratt tad-(19) ta’ Marzu, 2002, pubblikat minn Nutar Dottor Mark Anthony Sammut li bih il-konvenut Cristino Muscat ittrasferixxa lis-socjeta’ konvenuta Iklin Limited, id-dar *Maple Leaf*, fi Triq ix-Xghir, Haz-Zebbug, sar b’ qerq da parti tal-konvenut kontraenti u bi hsara tal-jeddijiet ta’ l-attrici bl-intenzjoni li din tigi defrawdata mid-drittijiet taghha;

3. Tordna t-thassir, rexxissjoni u annullament tal-kuntratt imsemmi, li ghandhom joperaw in forza tas-sentenza li din il-Qorti joghgobha taghti; u

4. Occorrendo tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti jerqu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-atti notarili ta’ rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi tad-19 ta’ Marzu fl-atti tan-Nutar Dr. Mark Anthony Sammut u ghal dan il-ghan tinnomina nutar biex jippubblika l-att ta’’rexxissjoni opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta’ l-ittri bonarji tal-31 ta’ Lulju, 2002 u tas-26 ta’ Awissu, 2002 u tal-mandat ta’ Inibizzjoni prezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni, u b’ rizerva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici skond il-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota ta’ xhieda ta’ l-attrici nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti illi naqsu li jipprezentaw n-noti ta’ l-eccezzjonijiet taghhom u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ l-attrici nomine;

Semghet l-Avukat ta’ l-attrici nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati
.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici nomine** kif dedotti fic-citazzjoni u tinnomina ghall-fini tar-raba’ talba lin-Nutar Jeanette Laferla biex tippublika l-att opportun u lill-Avukat Dr. Edwina Grima bhala kuratrici ghall-kontumaci u tordna li l-istess att jigi pubblikat nhar il-Gimgha 7 ta’ Novembru, 2003 f’ nofsinhar, fl-edificju tal-Qrati Superjuri, il-Belt.

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------